**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 48**

**Data:** It-Tlieta, 25 ta' Novembru 2025
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Skużati**
H.E Clifford Galea Vella – Membru
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**48.1 Ittri ta' apoloġiji**

48.1.1 Il-President semma li Dr. Samuel Azzopardi, is-Sur Steven Axisa, Is-Sur Charles Bonello u H.E Clifford Galea Vella talbu li jkunu skużati.

48.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżlu skużati.

**48.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 47**

48.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

48.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**48.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 46**

48.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u s-Sur Max Zammit ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' 22 t' Ottubru 2025 u l-25 ta' Novembru 2025 li kienet tammonta għal €111,461.54.

**48.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 46**

| | |
|---|---|
| **48.4.1 CEMR** | Il-President semma li l-preparament ta' Summit kienu għaddejjien tajjeb u bdew jiġu konklużi l-affarjiet kollha li l-Assoċjazzjoni intalbet sabiex tieħu ħsieb.<br>Il-President semma li fil-jiem li għaddew kienu s-Serbia għal-laqgħa tad-Diretturi u Segreatrji Ġenerali ta' CEMR u hemmhekk ingħatat ukoll overview tax-xogħol u anki l-agenda ta' Summit. Semma li jidher li l-Prim Ministru u lanqas d-Deputat Prim Ministru mhux ser ikun jistgħu jattendu imma kkonfermaw l-attendenza tagħhom l-Onor. Clyde Caruana u l-Onor. Alison Zerafa Civelli sabiex jagħmlu l-interventi tagħhom. |

**48.5 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **48.5.1 CoE** | Il-President semma li l-Assoċjazzjon irnexxiela taħdem mad-delegazzjoni ġewwa s-Strasburgu kif ukoll mal-Kunsill tal-Ewropa sabiex inżommu l-kariga ta' viċi president għand wieħed mil-Membri tad-delegazzjoni Maltija. Semma li dan il- |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

post kien okkupat minnu bħala Kap tad-delegazzjoni Maltija sakemm ġalla l-irwol tiegħu bħala Membru tad-delegazzjoni u minnfloku inħatar is-Sur Stephen Sultana. Semma li ma setax ikun hemm avviżi minn qabel għaliex il-kandidaturi għall-pożizzjoni għalqu ftit siegħat biss qabel saret l-elezzjoni bejn il-Membri tal-Kunsill Ewropew. Semma wkoll li persuni li huma eliġġibli għal din il-kariga huma Membri ta' l-istess kungress.

**48.5.2 Qualification Allowance**

Il-President semma li kienet daħlet talba mill-impjegata fi skala 15 sabiex tkun tista' tapplika għall-qualification allowance ta' kwalifika li għandha f' MQF Livell 4. Fuq proposta tal-Preisdent issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva din it-talba.

**48.5.3 SMART City World Expo**

Il-President semma li minn attenda kellu apportunita' li jiltaqa' ma' proġetti li huma relevanti għall-ħidma tagħna fil-qasam tal-Gvern Lokali.

**48.5.4 Covenant of Mayors**

Il-President semma li li waqt li kienu Barċellona jattendu Smart City World Expo, kien hemm l-opportunita' ta' laqgħa bejn l-AKL u rappreżentanti ta' CEMR fejn fost l-oħrajn kien diskuss kif nistgħu nerġgħu nagħtu spinta 'l quddiem il-Patt tas-Sindki. Semma wkoll li kien infurmat mingħand dawn ir-rappreżentanti li s-Sur Noel Formosa kien ġie appuntat bħala Ambaxxatur għall-Malta fuq dan il-Patt.

**48.5.5 Prime Minister School Malta**

Il-President semma li l-inawgurazzjoni uffiċjali kienet ser issir waqt is-summit ta' CEMR. Semma li kienu ħarġu stediniet lil kull Membru Parlamentari mara sabiex ikunu fostna waqt l-inawgurazzjoni.

**48.5.6 March for Peace**

Il-President semma li dan il-marċ ser issir il-Belt nhar id-29 ta' Novembru b' kollaborazzjoni ma' The Malta Foundation for Social Wellbeing u organizazzjonijiet oħrajn.

**48.5.7 ALDA**

Il-President semma li anki waqt li kienu Barċellona kellhom laqgħa ma' rappreżentanti tal-ALDA peress li l-Assoċjazzjoni kienet shortlisted sabiex tospita l-ALDA Fesitval 2026.

**48.5.8 Laqgħa mad-Direttur Ġenerali għall-**

Il-President semma li kellu laqgħa informali mad-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokal. Semma li kienu diskussi diversi diverġenzi li hemm bejn il-partijiet u kif wieħed jista' jaħdem

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Gvern Lokali**

iktar viċin. Semma li minkejja wara li saret din il-laqgħa jsir jaf li id-DLG organizzat laqgħa mas-segretarji Eżekuttivi biss u li infurmathom li ser tkun qed toħroġ sejħiet ċentralizzati għall-applikazzjonijiet diġitali u vetturi tal-elettriku.
Is-Sur Max Zammit semma li l-mod kif qed titħaddem l-formula tal-allokazzjoni, ħafna Sindki qed isibuha komda li jżommu l-fondi għall-Kunsill u jieħdu servizzi offruti mill-entitajiet.
Il-President semma li għalhekk dan kollu huwa problema għax qed titkisser ir-relevanza tal-Kunsill Lokali. Insista wkoll li l-irwolijiet għandhom jiġu definiti jekk ħadd am jaf x' irwol għandu sabiex min hu responsabbli li jagħmel il-policies jieħu din ir-responsabbilita' u japplikaha.

**48.5.9 Ħaddiema Klerikali**

Il-President semma li għaddejjien laqgħat mal-UĦM sabiex tkun stabbilita l-eliġibilita' għall-kandidati f' postijiet vakanti. Semma li saret laqgħa wkoll ma' Malta Qualifications Framework sabiex anki jiġu ivvettjati minnhom sabiex il-livelli jkun komparabbli. Semma li l-UĦM qed tipprova tiskeda data għal-laqgħa mal-RIU u d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

**48.5.10 Teambuilding**

Il-President semma li din l-attivita' saret u kienet ta' suċċess. Semma li mistiedna għall-attivita' kien hemm ir-Reġjuni, il-Kunsilli u anki d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

**48.5.11 Studju Demografiku**

Il-President semma li kienu għaddejjien laqgħat mal-Universita' ta' Malta sabiex isir studju demografiku. Semma li ser ikunu qed jgħaddulu l-metidoloġija u anki t-termini ta' referenza.

**48.5.12 Laqgħa SEM**

Il-President semma li kienet saret laqgħa ma' SEM Malta li apparti l-irwol ta' SEM fejn jidħlu proġetti Ewropej issemmew ukoll il-funzjonijiet ġodda li qed tassumi s-SEM permezz tal-policy unit il-ġdid. Semma wkoll li kienet diskussa li ssir inizjattiva lejn Mejju anki permezz tal-Kummissarju s-Sur Glenn Micallef sabiex ir-residenti jersqu aktar lejn dak li toffri l-UE.

**48.5.13 Swieq fil-Beraħ**

Il-President semma li kien għadd kemm kellu laqgħa mal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, ma' rappreżenatnt mid-Dipartiment ta' Trade kif ukoll ma' rappreżentant tar-residenti. Semma li irnexxilhom jidentifikaw post ieħor sabiex jarma l-monti, ser ikunu qed jippreżentaw pjanta lil TM għall-approvazzjoni. Semma li fejn kien qed jintrama l-monti kineu qed jimblokka l-garaxxijiet li hemm fit-triq.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**48.5.14 Allokazzjoni AKL**

Il-President semma li kien infurmat wara li ġie moqri il-budgit Nazzjonali li l-AKL kellha tnaqqis ta' 45% allokazzjoni mis-sena 2025 għas-sena 2026. Semma li wara komunikazzjoni li kellu kemm mas-Sur Kevin Mahoney kif ukoll mas-Sur Paul Zahra, Segretarju Permanenti fil-ministeru tal-Finanzi, talab laqgħa mas-Sur Zahra. Spjega li l-Assoċjazzjoni dejjem għalqet l-accounst fil-ħin u anki preżentat Estimi Finanzjarji għal darba darbtejn għaliex matul is-sena l-estimi jiġu reveduti skont il-ħtieġa matul is-sena. Apparti minn hekk l-Assoċjazzjoni dejjem ippreżentat Business Plans skond kif mitluba imma jidher li dawn ir-rapport kienu qed isiru biex ngħidu saru għaliex fl-ippjanar ta' minn kellu jara li l-AKL ikollha allokazzjoni adekwata dan falla milli jagħti kas il-pjanijiet li kienu mfassla f' dawn ir-rapporti. Il-President semma li l-AKL ingħatat is-support kollu mill-Ministeru tal-Finanzi dan anki wara li hemm postijiet vakanti li kienu approvoti anki mid-Diviżjoni u li issa għalihom tnaqset l-allokazzjoni. Il-President qara wkoll parti minn email li fiha l finanzi iddikkjaraw li se jghinu tul is sena 2026 biex jaraw kif se jigi newtralizzat id deficit. Semma li kif tibda s-sena 2026 l-AKL ser tkun qed tara li tagħmel talba formali għall-allokazzjoni li ngħtat inqas mis-sena 2025.

**48.5.15 Konsultazzjoni Pubblika**

Il-President semma li l-Onor. Rebecca Buttigieg kienet nidietkonsultazzjoni pubblika rigward kif it-tfal iqasmu l-ħin liberu tagħhom. Il-President semma li l-AKL ser tkun qed tara d-dokumentu u tħejji anki opinjoni li tiġi mqassma mar-reġjuni u l-Eżekuttiv.

**48.5.16 Turiżmu Sostennibli**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet qed tfassal ukoll opinjoni fuq turiżmu sostenibbli. Talab lil dawk il-membri li għandhom xi kummenti li jixtiequ jinkludu. Is-Sur Max Zammit bagħat il-punti min-naħa tiegħu sabiex ikunu inklużi.

**48.5.17 Proġetti ALDA**

Il-President semma li l-AKL kienet mistiedna ġewwa Ruma sabiex flimkien mal-FSWS u anki rappreżentanti oħrajn internazzjonali għall-għeluq tal-proġett fuq d-Drittijiet Umani Focus. Semma wkoll li min-naħa l-oħra, fl-istess ġranet l-Assoċjazzjoni kienet mistiedna għall-proġett ieħor Citizens Forsight Europe.

**48.5.18 Kuntratt tal-ħaddiema non-klerikali**

Il-President semma li l-kunsilli kienu irċievew komunikazzjoni mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, b' template ta' agreement ġdid għall-ħaddiema non-klerikali. Fejn fost il-klawżoli kien hemm li l-kuntratt jista' jkun ta' 3 snin, 3 snin jew 3snin u sena

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| | u wara jiġu fuq kuntratt definit, akkumular ta' leave mhemmx threshold ta' siegħat li jistgħu jakkumulaw kif ukoll li ser ikunu eliġibbli għal 6% performance bonus. |
| **48.5.19 Procura+ Membership** | Il-President semma li ser tkun imġedda l-membership tal-Procura+ |
| **48.5.20 Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Griegi** | Il-President semma li kien hemm laqgħa skedata nhar is-6 ta' Diċembru 2025 peress li dawn kienu jinsabu Malta għas-Summit ta' CEMR. |
| **48.5.21 Ħaddiem CIES** | Il-President semma li kien qed ikun propost li l-ħaddiem ta' CIES jiġeddiedlu l-kuntratt għal sena oħra. Kien hemm qbil dwar dan. |
| **48.5.22 Workshop fuq l-Audits tal-Kunsill** | Il-President semma li b' kollaborazzjoni mal-NAO u anki mad-Divijoni qed ikun propost li nhar it-13 ta' Jannar 2026 ser jinżamm workshop informattiv rigward il-proċess tal-awditjar. Il-President semma li hemm laqgħa skedata fuq l-aġenda mal-partijiet ikkonċentrati. |
| **48.5.23 ELoGE** | Il-President semma li l-ħidma pjanata għas-sena 2025 fuq il-programm tal-ELoGE kinet tlesta u l-aħħar laqgħa online kienet pjanat sabiex issir nhar id-9 ta' Diċembru 2025. Wara jsir rapport lill-Kungress sabiex nagħlqu l-proġett min-naħa tagħhom minħabba r-rimborż. |
| **48.5.24 Konsultazzjoni fuq l-Ambjent** | Il-President semma li r-Reġjun Nofsinhar kienu bagħtu rispons. Talab li jekk hemm Reġjuni oħrajn li jridu jibgħatu r-rispons, għandhom jagħmlu dan sal-aħħar ta' Novembru. |
| **48.5.25 TSI fund** | Il-President semma li matul is-sena 2026 ser tibda ħidma sabiex naraw kif bħala Assoċjazzjoni nistgħu nibbenifikaw mill-fond ta' TSI sabiex issir studju fuq il-Gvern Lokali u l-perċezzjoni tar-residenti li eventwalment ikun hemm titjieb jew rekomandazzjoni għall-bdil fil-policies. |
| **48.5.26 Govtech4all** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ġiet avviċinata mill-MDIA u l-MITA sabiex jitwettaq il-proġett ta' AI Sandbox sabiex jindirizza sfida fl-operat tal-Kunsilli Lokali. Semma li t-total ta' dan il-fond huwa ta' €96,000 u li bihom jiġi żviluppat software b' AI li jkun ta' assistenza. |
| **48.5.27 Taħriġ fuq Risk Assessment u Poloz tal-** | Il-President semma li kien ingaġġat Health and Saftey Officer li preżenta proposta ta' taħriġ u handbook rigward risk |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **Assigurazzjoni** | assessments u poloz tal-assigurazzjoni li l-Kunsilli jridu jagħmlu għall-attivitajiet u proġetti ta' kostruzzjoni. |
| **48.5.28 Tribunali Lokali** | Il-President semma li għandu jisejjaħ għal-laqgħa mas-Segretarju Permanenti tal-Ġustizzja bejn il-15 u l-20 ta' Diċembru. |
| **48.5.29 Ħlas ta' kontijiet tal-ARMS** | Il-President semma li wara diversi laqgħat bejn l-ARMS u l-AKL u sa kienet saret laqgħa gaħll-Kunsilli Lokali interessati dan il-proċess kien twaqqaf ħesrem min-naħa tal-ARMS. Wara li dawn ġew affaċjati mill-AKL ta' x' wassal għal dan in-nuqqas ta' aptit li dan il-proċess jitkompla wara li kien hemm diversi Kunsilli Lokali intressati, l-AKL ħadet ir-risposta li kien hemm komunikazzjoni bejn l-ARMS u Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn minhabba f;' hekk, l-ARMS waqfet il-process. Il-President semma li huwa intalab jerġa' jgħaddi l-lista tal-Kunsilli li kienu interessati lill-ARMS u kien hemm qbil li l-process jitkompla. |
| **48.5.30 MoU – Xejnza Malta** | Il-President semma li l-AKL kienet għaddiet l-emendi għal dan l-MoU. Semma li jidher li Xjenza Malta kienet għadha qed tistenna rispons mid-diviżjoni għall-Gvern Lokali. |

## 48.6 Komunikazzjoni mill-Eżekuttiv

48.6.1 Il-Kav. Paul Farrugia talab li jitkellem fuq dak li għadda minnu r-Reġjun tal-Port u l-Kunsill Lokali tal-Birgu meta applikaw sabiex ikunu l-Belt Kulturali Ewropea 2031. Il-President semma li r-Reġjun kien ħareġ stqarrija li tispjega dak kollu li r-Reġjun kellu xi jgħid dwar din l-applikazzjoni. Semma li wara ħafna laqgħat mal-VCA u li dawn twaqfu ħasrem, jidher li kien hemm intrvent mill-Onor. Owen Bonniċi sabiex il-bid tgħaddi fir-responsabbilita' tal-Fondazzjoni Kottonera. Minn dak inhar 'l hawn ir-Reġjun u kif ukoll il-Kunsill ma' baqgħux ikunu involuti. Semma li li meta talbu informazzjoni dejjem ingħtat informazzjoni bażika għax il-kumplament kien sigriet li ma setgħux jikxfu minħabba li kienu f' kompetizzjoni m' Għawdex. Semma li kien sar ukoll MoU bejn ir-reġjun u l-fondazzjoni fejn għaddew €200,000 bejn is-sena 2024 u s-sena 2025 kif ukoll €100,000 mid-Diviżjoni u €50,000 mill-Kunsill Lokali tal-Birgu. Kav. Farrugia semma li r-Reġjun għadu qed jistenna spjegazzjoni ta' x' sar minn dawn il-fondi meta l-bid sottomessa kienet waħda miżera għall-aħħar. Semma li r-reġjun u l-Kunsill qatt ma kienu notifikati li kienu ġejjien l-evalwaturi u li saħansitra kien hemm press call sabiex jitħabbar ir-riżultat. Semma li dan huwa ta' dispjaċir għas-Sindki kollha fir-Reġjun li minkejja li afdaw u approvaw dak kollu li ntalbu japprovaw huma tħallew fl-għama u saħansitra ġew użati.

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**48.7 Aġġornament**

48.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-seba' ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnjen, 22 ta' Diċembru 2025 fis-sitta ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**